

# 10 SNIN TA' ĦIDMA

## 2005-2015

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

# 10 SNIN
## TA' ĦIDMA
2005-2015

Il-Kunsill Nazzjonali
tal-Ilsien Malti

# WERREJ


FEJN WASALNA U 'L FEJN NIXTIEQU MMORRU ... 4

GĦALAQNA 10 SNIN ... 6

IL-MEMBRI TAL-KUNSILL U L-KUMITATI TEKNIĊI TIEGĦU ... 8

L-ISTRUTTURA ORGANIZZATTIVA TAL-KUNSILL TAL-MALTI ... 10

NURU BIL-FATTI LI F'PAJJIŻNA L-MALTI U L-INGLIŻ HUMA L-ILSNA UFFIĊJALI ... 11

GĦAL MALTA AKTAR MALTIJA ... 17

KUNTATT DIRETT MAL-POPLU ... 19

FTAĦNA L-BIBIEN TAD-DINJA DIĠITALI GĦALL-MALTI ... 23

L-ILSIEN MALTI FUQ FOMM IŻ-ŻGĦAR ... 24

ID-DINJA DARNA ... U L-MALTI LSIENNA ... 28

QATT MHU TARD ... 30

TAGĦLIM BIL-PROVI ... 32

LINGWA ĦAJJA TIKBER U TINBIDEL ... 34

INKOMPLU NITKELLMU MAL-PUBBLIKU ... 36

L-EWRO TAGĦNA ... 39

KUNTATT MAL-ISTITUZZJONIJIET EWROPEJ ... 40

KESKES IL-BALLUN ... 42

ID F'ID MAL-PBS ... 43

AKTAR ĦIDMA FIL-QASAM TAX-XANDIR ... 44

IL-MALTI FIL-QASAM TURISTIKU ... 45

MIXJA MAS-SNIN: L-AKTAR PROĠETTI U KISBIET EWLENIN
TAL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ILSIEN MALTI ... 47

# MIN AĦNA

## DWARNA

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti twaqqaf f'April 2005 bl-Att dwar l-Ilsien Malti (Kap. 470), li kien approvat unanimament mill-Parlament, "biex jippromwovi l-ilsien nazzjonali ta' Malta u jipprovdi l-għodda meħtieġa għat-twettiq ta' dan il-għan."

Bil-Liġi tal-Malti, l-Akkademja tal-Malti, l-għaqdiet volontarji tal-Malti (indikati fil-liġi stess), id-Dipartiment tal-Malti u l-Istitut tal-Lingwistika tal-Università, il-Kunsill Malti għall-Arti, id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu (fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni), l-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin, u l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali huma rrappreżentati fil-Kunsill u b'hekk għandhom sehem dirett fit-tfassil tal-politika lingwistika ta' pajjiżna.

## KIF NAĦDMU

Il-Kunsill tal-Malti jaqa' taħt il-Ministeru tal-Edukazzjoni u jaħdem permezz tas-sitt Kumitati Tekniċi tiegħu, maħtura apposta minnu kif meħtieġ, bi sħab mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università u l-Akkademja tal-Malti. Il-Kumitati Tekniċi li għandu l-Kunsill bħalissa jieħdu ħsieb il-politika lingwistika u l-iżvilupp tal-Malti fl-oqsma speċjalizzati tal-Edukazzjoni, ix-Xandir, it-Terminoloġija, l-Informatika, ir-Riċerka Lingwistika, kif ukoll il-Mużika u l-Ispettaklu.

Kull Kumitat għandu:

> *"(a) josserva l-qagħda tal-Ilsien Malti, jiddiskuti l-miżuri meħtieġa għall-iżvilupp tiegħu, u jfassal il-politika lingwistika fil-qasam partikolari tiegħu;*
>
> *(b) jagħti l-fehma tiegħu lill-Kummissjoni dwar kwistjonijiet marbuta mal-qasam partikolari li għalih ikun twaqqaf."*
>
> L-ATT DWAR L-ILSIEN MALTI (KAP. 470)

Il-Kummissjoni Teknika hi magħmula mill-Kapijiet tal-Kumitati Tekniċi u l-President. Id-Direttur tal-Kunsill hu s-Segretarju tagħha.

Il-funzjonijiet tal-Kummissjoni huma li:

> *"(a) tosserva, tanalizza u tiżen il-qagħda tal-Ilsien Malti fid-dawl tas-sitwazzjoni lingwistika ta' Malta;*
>
> *(b) tfassal il-politika lingwistika u tirrakkomandaha lill-Kunsill;*
>
> *(ċ) tinkoraġġixxi maturazzjoni fl-istudju dwar il-pjanifikazzjoni lingwistika b'korsijiet addattati fl-edukazzjoni għolja, kif ukoll permezz ta' boroż ta' studju lil żgħażagħ promettenti, żjarat ta' pjanifikaturi barranin u l-ħolqien ta' librerija speċjalizzata dwar is-suġġett."*
>
> L-ATT DWAR L-ILSIEN MALTI (KAP. 470)

# FEJN WASALNA U 'L FEJN NIXTIEQU MMORRU

**PROF. RAY FABRI | PRESIDENT**

Ir-rwol ewlieni tal-Kunsill tal-Malti huwa li jfassal politika lingwistika u li jippromwovi l-użu tal-Malti fis-soċjetà. Dan ifisser, fost affarijiet oħra, li l-Kunsill jifli, jifhem u janalizza l-iżviluppi li għaddej minnhom il-Malti u, fejn ikun jinħass il-bżonn, jagħti pariri u direzzjoni biex in-nies iħossuhom komdi jużaw il-lingwa, kemm fil-mitkellem kif ukoll fil-miktub.

Il-membri tal-Kunsill jiltaqgħu regolarment biex jistħarrġu u jiddiskutu l-ideat u t-temi lingwistiċi attwali, u joħolqu strateġija biex jintlaħaq l-għan tal-Kunsill li jippromwovi l-użu tal-Malti. Kif juri dan id-dokument, f'dawn l-għaxar snin sar ħafna xogħol, imma hawn nixtieq niffoka fuq tliet fatturi li naħseb li bihom il-Kunsill jista' jkun aktar effettiv f'ħidmietu.

## 1. L-APPOĠĠ MILL-AWTORITAJIET PUBBLIĊI

Il-Kunsill irid jaħdem aktar mill-viċin mal-awtoritajiet ta' pajjiżna biex isib il-koperazzjoni tagħhom f'xogħlu. Hemm bżonn l-appoġġ politiku biex ikun jista' jimplimenta l-politika lingwistika li fuqha jkun imfassal il-pjan lingwistiku tiegħu fit-tul. Il-Kunsill għandu bżonn l-għajnuna diretta tal-ministeri u d-dipartimenti tal-gvern biex il-politika lingwistika li jfassal ikun jista' jattwaha b'mod effettiv u jwassalha mingħajr preġudizzji għand il-pubbliku.

F'dan l-ispirtu, il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, li jaqa' taħtu l-Kunsill, ħa passi deċiżivi u konkreti billi żied il-finanzi tal-Kunsill u ħoloq pożizzjoni ġdida fi ħdan il-Kunsill għar-riċerka u l-kuntatt mal-pubbliku.

Se nagħti tliet eżempji ta' kif l-awtoritajiet jistgħu jgħinu.

i. Hemm bżonn issir pressjoni fuq l-entitajiet pubbliċi biex is-senjaletika u l-informazzjoni li jqassmu lill-pubbliku jkunu dejjem bilingwi, jiġifieri bil-Malti u bl-Ingliż. Dan jgħodd, pereżempju, ukoll meta jkun hemm sejħiet għall-offerti. Iż-żewġ lingwi uffiċjali għandhom ikunu preskritti fis-sejħa. B'hekk niżguraw li l-Malti jkun aktar viżibbli fil-pubbliku, u li s-soċjetà Maltija tkun bilingwi tassew. Għall-istess raġuni, għandu jkun żgurat li inizjattivi u proġetti ġodda tal-gvern, jew li l-gvern ikun imsieħeb fihom, jingħataw isem, qabelxejn, bil-Malti.
ii. Hemm bżonn li jinħoloq mekkaniżmu formali għat-titjib tal-Malti fix-xandir bi sħab mal-Kunsill, il-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-Ministeru tal-Kultura u l-Awtorità tax-Xandir. Kif jidher f'dan ir-rapport, diġà sar ħafna xogħol biex jintlaħaq dan l-għan imma aħna konxji li għad fadal ħafna xi jsir. Il-kollaborazzjoni tal-ministeri konċernati hija kruċjali.

iii. Żewġ għodod lingwistiċi ewlenin li għandu bżonn min jikteb bil-Malti huma ċekkjatur u dizzjunarju elettroniku. Dawn huma għodod mill-aktar importanti għall-iżvilupp ta' kull lingwa f'soċjetà moderna bbażata fuq it-teknoloġija. Ix-xogħol fuqhom avvanza sew imma għandu bżonn l-aħħar imbottatura ħalli mill-kliem inkunu nistgħu ngħaddu għall-fatti. Il-kollaborazzjoni tal-entitajiet pubbliċi hija essenzjali biex dawn il-proġetti jkunu jistgħu jiġu attwati.

## 2. IR-RIŻORSI UMANI

Il-Kunsill huwa magħmul minn nies li jiddedikaw ħafna minn ħinhom għall-ħidma tiegħu. Li wieħed jagħmel xogħol b'dedikazzjoni hija ħaġa tajba, imma jien konvint li, biex ikollna garanzija ta' ħidma tassew effettiva, il-Kunsill irid jinbidel f'entità b'impjegati professjonali, u mhux volontarji, li xogħolhom ikun biss fil-Kunsill. Dan huwa l-każ f'kunsilli ta' lingwi Ewropej oħra, kemm nazzjonali kif ukoll reġjonali, bħall-Olandiż, id-Daniż, il-Bask u l-Katalan. Hawnhekk diġà sar l-ewwel pass bil-ħolqien ta' pożizzjoni għal persuna oħra, apparti d-Direttur Eżekuttiv, li jkollha xogħolha biss mal-Kunsill. Idealment, l-impjegati tal-Kunsill għandhom ikunu tal-post.

## 3. IĊ-ĊENTRU NAZZJONALI TAL-ILSIEN MALTI

Wasal iż-żmien li jitwaqqaf iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Ilsien Malti, kif stipulat fl-Att dwar l-Ilsien Malti, li, minbarra li jservi bħala s-sede tal-Kunsill, joffri r-riżorsi stampati u awdjoviżivi meħtieġa. Dan il-post għandu jkun miftuħ għal kulħadd u għalhekk iservi biex il-Kunsill ikollu kuntatt aktar dirett man-nies u jkun jista' jiddiskuti xogħlu aħjar magħhom. Il-kuntatt mal-pubbliku huwa fattur strateġiku importanti ħafna. Il-Kunsill mhuwiex u ma jridx ikun grupp iżolat ta' nies maqtugħin mir-realtajiet lingwistiċi ta' pajjiżna, u d-deċiżjonijiet għandhom jibqgħu trasparenti u bbażati fuq l-għarfien tal-ħtiġijiet lingwistiċi tal-pubbliku kollu, u mhux ta' xi settur partikolari. Iċ-Ċentru jista' jkun post fejn l-interazzjoni mal-pubbliku tkun aktar diretta milli hi bħalissa għax bih ikollu preżenza fiżika u joffri servizz aktar personalizzat lill-pubbliku.

## KELMA TAL-AĦĦAR

Dan ir-rapport juri biċ-ċar li l-Kunsill qiegħed jaħdem ħafna u li, bix-xogħol li diġà għamel, ħoloq bażi soda biex, bi ftit għajnuna u ħafna appoġġ, ikun jista' jkompli jibni fuqha u jilħaq il-miri tiegħu. Ir-riċerka u l-esperjenza juru li l-maġġoranza kbira tal-Maltin jużaw il-Malti fil-ħajja ta' kuljum biex jesprimu l-emozzjonijiet, l-ideat u l-opinjonijiet tagħhom. Mhux ta' b'xejn li l-lingwa nattiva jqisuha bħala l-aktar fattur li jagħtihom l-identità tagħhom bħala ċittadini Maltin. Id-dmir tal-Kunsill huwa li jippromwovi l-użu tal-Malti u jgħin biex il-lingwa nattiva tiffaċċja l-isfidi li jiġu minn pressjonijiet soċjali u ekonomiċi f'dinja dejjem aktar globalizzata.

# GĦALAQNA 10 SNIN

**THOMAS PACE | DIRETTUR**

### MILL-2005 GĦALL-2015 BIL-KELMA T-TAJBA

Dan il-ktejjeb jagħti ħarsa lejn il-ħidma ewlenija tal-Kunsill tal-Malti li ma tissarrafx biss f'pubblikazzjonijiet u f'riżultati li jidhru fl-idejn imma tinvolvi wkoll ħafna kuntatti, numru kbir ta' laqgħat ma' min hu responsabbli u sigħat ta' diskussjoni u konsultazzjoni. Dawn il-laqgħat juruna wkoll kif u fejn nistgħu ntejbu l-ħidma tagħna u jgħinuna nkunu aktar effettivi.

Il-Kunsill għalaq 10 snin. It-triq li wasslitna s'hawn kienet twila u kultant iebsa imma kienet għalina lkoll esperjenza sabiħa li qed tlaqqagħna ma' ħafna nies mill-oqsma differenti kollha tal-ħajja.

### IL-KUNSILL MHUWIEX HEMM BISS GĦALL-ORTOGRAFIJA

Qegħdin nintroduċu dejjem aktar il-Kunsill mal-impjegati tas-Settur Pubbliku u Privat biex inkunulhom ta' gwida u ta' għajnuna fir-relazzjonijiet pubbliċi tagħhom ħalli, qabelxejn, jikkomunikaw mal-pubbliku bil-Malti fis-senjaletika, il-kampanji pubbliċitarji, is-siti elettroniċi u l-pubblikazzjonijiet tagħhom.

Il-Kunsill qed jinfetaħ dejjem aktar u qed jinvolvi ruħu fl-oqsma varji tas-soċjetà tagħna, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, mhux biss fit-tagħlim, it-traduzzjoni u l-letteratura li kienu l-aktar oqsma li tradizzjonalment il-Malti kien marbut magħhom. Il-qasam letterarju Malti llum tieħu ħsiebu tajjeb ħafna l-Akkademja. Magħha hemm ukoll għaqdiet volontarji oħra. Bħala Kunsill frixna ħidmitna f'oqsma ġodda bħall-mediċina, l-infrastruttura u l-industrija, it-teknoloġija, u l-oqsma soċjali u kulturali.

### GĦAD-DEĊENNJU LI JMISS – IL-ĦTIEĠA TA' KUXJENZA KONTINWA

Il-kuntatt tagħna mal-pubbliku u ma' dawk kollha responsabbli minn taqsimiet u dipartimenti fiċ-Ċivil u l-Privat jagħmlilna ħafna kuraġġ. Il-laqgħat u l-ammont kbir ta' korrispondenza li jkollna, b'mistoqsijiet u b'talbiet għal pariri lingwistiċi, juruna ċar li l-Maltin iħobbu l-lingwa tagħhom u huma sensittivi għaliha. Il-Malti qed jinkiteb u jintuża ħafna aktar. Qed jiżviluppa u jitħaddem f'diversi oqsma ġodda. Dan huwa tabilħaqq żmien eċċitanti għall-iżgħar lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Sodisfatti li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti qed jistabbilixxi ruħu dejjem aktar u jsir il-punt ta' referenza uffiċjali għal ħafna postijiet tax-xogħol. Sodisfatti ħafna wkoll li l-ħidma tagħna nwettquha, kif titlob il-liġi tal-Malti, f'sinerġija sħiħa mad-Dipartiment tal-Malti u l-Isitut tal-Lingwistika fl-Università, mal-Akkademja u mal-għaqdiet l-oħra tal-Malti, kif ukoll mal-entitajiet irrappreżentati fil-Kunsill, li lkoll għandhom x'jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' lsienna.

Impenjati biex inkomplu nibnu u nżidu mat-tajjeb li għamilna u se naħdmu wkoll, fost l-oħrajn, fuq dawn l-isfidi:

- ċifri fattwali ta' statistika fuq is-sitwazzjoni lingwistika ta' Malta, b'sensiela ta' kwestjonarji għal stħarriġ nazzjonali;

- diskussjonijiet fuq l-użu tal-Malti fil-prodotti li nixtru (ikel, mediċini, u l-bqija);
- aktar riżorsi bil-Malti għall-persuni neqsin mid-dawl;
- aktar riżorsi (kanzunetti, *apps* u *cartoons*) bil-Malti għat-tfal żgħar;
- riżorsi għat-tagħlim tal-Malti lill-barranin u għal ulied u n-neputijiet tal-emigranti Maltin;
- titjib fil-kitba bil-Malti, fost l-oħrajn, fis-sistema tar-Reġistru Pubbliku u l-formoli tal-isptarijiet u ċ-ċentri tas-saħħa;
- tisħiħ tal-Malti fis-Servizz Pubbliku, bi sħab mas-Segretarju Permanenti Prinċipali u l-uffiċjali u l-koordinaturi tal-komunikazzjoni tal-ministeri.

Se nibqgħu nistinkaw - għax dan huwa dmirna - biex il-Malti jkompli jidħol u jiżviluppa f'oqsma ġodda, u jixxettel fil-ġenerazzjonijiet il-ġodda, jiġifieri fost it-tfal.

F'xogħolna qed nikkoperaw ma' ħafna individwi u entitajiet tal-gvern u mhumiex fuq diversi proġetti. Aħna dejjem lesti naħdmu ma' kull min hu ta' rieda tajba biex nippromwovu l-Malti b'mod frisk u aġġornat mas-setturi kollha tal-ħajja.

Se nkomplu naraw li f'xogħolna nkunu serji u professjonali; inklużivi billi, bi djalogu miftuħ, nisimgħu u nikkonsultaw ma' kull min hu interessat; u ġentili billi nersqu lejn il-pubbliku "bil-kelma t-tajba". Se nkomplu naħdmu bil-konvinzjoni u mhux bil-forza għax qegħdin inkunu effettivi.

## ĦAJR

Irrid nirringrazzja lill-pjanifikaturi ewlenin tal-Kunsill tal-Malti, il-Prof. Manwel Mifsud u l-Prof. Albert Borg, kif ukoll lil Dr Olvin Vella, l-ewwel Direttur tal-Kunsill, għall-pedament sod li ħalla u li fuqu komplejna nibnu f'dawn l-aħħar sitt snin. Lil Dr Vella nirringrazzjah ukoll tal-enerġija li joffri u tal-koperazzjoni sħiħa tiegħu fil-ħidma tal-Kunsill.

Ħajr lill-membri tal-Kunsill, u b'mod speċjali lill-Kapijiet tal-Kumitati Tekniċi, is-Sur David Agius Muscat, il-Prof. Albert Borg, is-Sur Joe Dimech, Dr Albert Gatt, Dr Michael Spagnol, u lil Dr Corazon Mizzi. Grazzi wkoll lill-membri kollha ta' dawn il-Kumitati għall-ħin li jagħtu lill-Kunsill. Żgur, li kieku ma kienx għalihom, ħafna mid-diskussjonijiet tal-Kunsill ma jkunux jistgħu jsiru. Ħin prezzjuż u xogħol importanti li ma jidhirx imma li jkun għaddej il-ħin kollu.

Nirringrazzja wkoll lil Dr George Farrugia għall-assistenza tiegħu fit-teħid tal-minuti waqt il-laqgħat tagħna.

Fl-aħħar nett, ħajr speċjali lill-President attwali tal-Kunsill, il-Prof. Ray Fabri, u lill-President ta' qablu, il-Prof. Manwel Mifsud, għall-ħila esperta tagħhom u għall-pariri u l-għajnuna kontinwa li jagħtu lill-Kunsill. Irrid nirringrazzjahom ukoll għas-sigħat twal mill-ħin tagħhom għal-laqgħat uffiċjali barra l-uffiċċju u biex magħhom infassal il-pjanijiet ta' ħidma tal-Kunsill.

# IL-MEMBRI TAL-KUNSILL U L-KUMITATI TEKNIĊI TIEGĦU

## IL-MEMBRI TAL-KUNSILL

### 2005 - 2008

| | |
|---|---|
| **President** | Prof. Manwel Mifsud |
| **Viċi President** | Dr Josette Attard |
| **Membri** | Prof. Albert Borg |
| | Joseph P. Borg |
| | Prof. Charles Briffa |
| | Victor Cauchi |
| | Prof. Ray Fabri |
| | Dr George Farrugia |
| | Prof. Joe Friggieri |
| | Dr Simone Inguanez |
| | Mario Schiavone |
| **Direttur Eżekuttiv** | Dr Olvin Vella |

### 2009 - 2012

| | |
|---|---|
| **President** | Prof. Manwel Mifsud |
| **Viċi President** | Dr Simone Inguanez |
| **Membri** | David Agius Muscat |
| | Clare Azzopardi |
| | Dr Joseph Axiaq |
| | Prof. Albert Borg |
| | Prof. Ray Fabri |
| | Dr George Farrugia |
| | Mario Schiavone |
| | Dr Olvin Vella |
| **Direttur Eżekuttiv** | Thomas Pace |

### 2013 - ATTWALI

| | |
|---|---|
| **President** | Prof. Ray Fabri |
| **Viċi President** | Charles Flores |
| **Membri** | David Agius Muscat |
| | Prof. Albert Borg |
| | Dr Abigail Caruana |
| | Dr George Farrugia |
| | Dr Simone Inguanez |
| | Victor Laiviera |
| | Prof. Manwel Mifsud |
| | David Muscat |
| | Dr Michael Spagnol |
| **Direttur Eżekuttiv** | Thomas Pace |

## IL-MEMBRI TAL-KUMITATI TEKNIĊI

### 2005 - 2008

**Il-Kumitat tar-Riċerka Lingwistika:**
Prof. Albert Borg (Kap), Prof. Marie Alexander, Dr George Farrugia, Dr Albert Friggieri

**Il-Kumitat tal-Letteratura:**
Dr Adrian Grima (Kap), Clare Azzopardi, Dr Marco Galea, Dr Immanuel Mifsud

**Il-Kumitat tal-Informatika:**
Prof. Ray Fabri (Kap), Ramon Casha, Eric Flask, Mike Rosner

**Il-Kumitat tax-Xandir:**
Charlò Bonnici (Kap), Carmel Bonello, Abigail Mallia, Sandro Mangion

**Il-Kumitat tat-Terminoloġija:**
Prof. Manwel Mifsud (Kap), Antoine Cassar, Joe Felice Pace, Dr Ġorġ Mifsud-Chircop

### 2009 - 2012

**Il-Kumitat tar-Riċerka Lingwistika:**
Prof. Albert Borg (Kap), Carmel Azzopardi, Dr George Farrugia, Maria Galea

**Il-Kumitat tal-Edukazzjoni:**
David Agius Muscat (Kap), Phyllis Debono, Dr Olvin Vella, Claire Zerafa

**Il-Kumitat tal-Informatika:**
Prof. Ray Fabri (Kap), Claudia Borg, Ramon Casha, Mike Rosner (Norman C. Borg - kooptjat)

**Il-Kumitat tax-Xandir:**
Albert Marshall (Kap), Dr Simone Inguanez, Charles Flores, Dr Carmen Sammut (George Peresso - kooptjat)

**Il-Kumitat tat-Terminoloġija:**
Prof. Manwel Mifsud (Kap), Prof. Charles Briffa, Myriam Calleja, Joe Felice Pace (Ġużi Gatt, Victor Laiviera - kooptjati)

### 2013 - ATTWALI

**Il-Kumitat tar-Riċerka Lingwistika:**
Prof. Albert Borg (Kap), Donna Borg, Phyllis Debono, Karl Scicluna

**Il-Kumitat tal-Edukazzjoni:**
David Agius Muscat (Kap), Stephen Bonnici, Giselle Mangion, Claire Zerafa

**Il-Kumitat tal-Informatika:**
Dr Albert Gatt (Kap), Ramon Casha, Carmel Gafà, Mike Rosner (John Camilleri - kooptjat)

**Il-Kumitat tax-Xandir:**
Joe Dimech (Kap), Carl Joseph Farrugia, Charles Flores, Karl Wright (Theresa Zahra - kooptjata)

**Il-Kumitat tat-Terminoloġija:**
Dr Michael Spagnol (Kap), Prof. Charles Briffa, Prof. Ray Fabri, Prof. Manwel Mifsud

*Qegħdin fil-proċess tat-twaqqif ta' Kumitat Tekniku ġdid għall-qasam tal-Mużika u l-Ispettaklu.*

Il-Kunsill iwaqqaf ukoll kumitati oħra *ad hoc*, skont il-ħtieġa, biex jaħdmu fuq proġetti partikolari. Tliet kumitati minn dawn, ngħidu aħna, huma: il-kumitat tal-kitba tal-kliem missellef mill-Ingliż fil-Malti, il-kumitat tal-evalwazzjoni tat-talbiet għall-għajnuna, u l-kumitat tal-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet għall-Premju fil-Malti lill-Ġurnalisti, bi sħab mal-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin.

# IL-KUNSILL

## L-ISTRUTTURA ORGANIZZATTIVA TAL-KUNSILL TAL-MALTI








Il-Kunsill jiltaqa' darba fix-xahar u l-Kumitati Tekniċi jiltaqgħu regolarment, skont il-ħtieġa. Il-ħidma u l-amministrazzjoni ta' kuljum tal-Kunsill issir mid-Direttur Eżekuttiv, bi sħab mal-President. Din issir b'korrispondenza elettronika u tinvolvi wkoll numru kbir ta' laqgħat barra mill-uffiċċju.

# NURU BIL-FATTI LI F'PAJJIŻNA L-MALTI U L-INGLIŻ HUMA L-ILSNA UFFIĊJALI




Il-Malti bilkemm kien jidher fit-tabelli tat-toroq.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti ħadem ma' Transport Malta biex it-tabelli tat-toroq ikunu jixhdu s-sitwazzjoni bilingwi ta' pajjiżna.












L-ismijiet tal-lokalitajiet qed jinkitbu kif suppost u bl-ittri tal-Malti.

Id-direzzjoni ta' dan il-proġett kienet tal-Prof. Manwel Mifsud u s-Sur Thomas Pace. Ħajr ukoll lis-Sur Joe Briffa u lil Dr Olvin Vella.







Transport Malta tapprezza ħafna s-sħubija kollaborattiva li nbniet matul is-snin mal-Kunsill tal-Malti. Bis-saħħa tal-kontribut kontinwu tal-Kunsill, fejn hu possibbli, il-komunikazzjoni ta' bejn TM u l-pubbliku qed tkun bilingwi u b'Malti kif jixraq.

**CHARLES AXISA**
MANAGER FIT-TAQSIMA TAL-MARKETING U L-KOMUNIKAZZJONI
TRANSPORT MALTA










Aktar tabelli biż-żewġ lingwi f'diversi postijiet pubbliċi.




Fit-tfassil tas-senjaletika taċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo, kien hemm kollaborazzjoni u koperazzjoni sħiħa bejn il-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS) u l-Kunsill tal-Malti fuq l-użu tal-Malti fis-senjaletika direzzjonali u informattiva. Bl-għajnuna u l-pariri siewja tal-Kunsill, it-tabelli tfasslu bilingwi (bil-Malti u bl-Ingliż). Il-Kunsill tal-Malti ġie kkonsultat ukoll f'każijiet ta' diffikultà fit-traduzzjoni u l-ortografija tal-kitba bil-Malti. Il-Kunsill ma waqafx biss fuq il-karta, imma saħansitra mar għand id-disinjaturi biex jaċċerta ruħu li fl-istadju tad-disinn, il-Malti jiddaħħal tajjeb u mingħajr żbalji.

Il-Kunsill tal-Malti qed jaħdem bis-sħiħ sabiex il-Malti jkun aktar viżibbli, flimkien mal-Ingliż, fil-postijiet pubbliċi ta' pajjiżna, kif jixraq.

**KAREN SATARIANO**
PERIT
IL-FONDAZZJONI GĦAS-SERVIZZI MEDIĊI (FMS)




It-tabelli l-ġodda tal-Isptar Mater Dei qed isiru bilingwi wkoll.

Id-direzzjoni ta' dan il-proġett kienet tal-Prof. Ray Fabri u s-Sur Thomas Pace. Ħajr ukoll lis-Sa Sina Bugeja.






Regolarment nirċievu talbiet minn diversi entitajiet biex niggwidawhom fl-użu korrett tal-Malti f'materjal u tabelli li jkunu se jipproduċu. Għal dan il-għan fassalna sett ta' linji gwida standard għas-senjaletika bilingwi.







PARIRI OĦRA

1. **Iż-żoni riservati għall-għawwiema** - Matul ix-xhur tas-sajf, diversi żoni madwar il-gżejjer Maltin jiġu riservati biex jintużaw biss mill-għawwiema. Il-baħħara huma obbligati jsegwu l-avviżi li jinħarġu minn Transport Malta f'dan ir-rigward. Dawn iż-żoni huma pprojbiti għal kull tip ta' opra tal-baħar, u ma jistax isir irmiġġar mal-bagi li jimmarkawhom. F'ċerti żoni saru passaġġi biex jintużaw biss ħalli wieħed ikun jista' jħott jew jgħabbi mix-xatt. Kull opra tal-baħar li tidħol f'dawn il-passaġġi għandha tinstaq dejjem b'veloċità baxxa ħafna.
2. **Irrispetta l-limiti tal-veloċità** - Transport Malta stabbiliet limiti ta' veloċità differenti fl-ibħra territorjali Maltin biex tiżgura s-sigurtà fil-baħar. Il-baħħara huma obbligati li jkunu jafu bihom u josservawhom.
3. **Pjan ta' salvataġġ** - Lesti proċedura ta' salvataġġ.
4. **Alkoħol** - L-alkoħol jista' jaffettwa kemm il-ġudizzju tiegħek u kemm il-ħila li tikkontrolla l-opra tal-baħar. L-ebda opra mgħammra b'mutur ma tista' tinstaq b'mod perikoluż jew bl-addoċċ jew taħt l-influwenza tal-alkoħol.
5. **Moħħok hemm** - Oqgħod attent u qis li ssuq dejjem b'veloċità meqjusa. Żomm għajnejk miftuħin għall-opri tal-baħar l-oħra, għall-għaddassa jew l-għawwiema u naqqas il-veloċità skont iċ-ċirkustanzi. Żomm distanza tajba mis-sikek u mill-baħar baxx. Uża s-sens komun u l-prudenza.



























# GĦAL MALTA AKTAR MALTIJA




Tajna sehemna biex l-ismijiet tal-lokalitajiet Maltin u Għawdxin, jibdew jidhru sħaħ fil-liġi tal-kunsilli lokali (eż. Ħaż-Żabbar, Il-Birgu, Tas-Sliema, Ta' Sannat, eċċ.).



F'xogħli nikkorrispondi mal-Kumitati Reġjonali, il-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Amministrattivi b'ittri elettroniċi u b'ċirkularijiet bil-Malti. Din il-korrispondenza tinkludi, fost oħrajn, avviżi bi stediniet għal taħriġ fil-Malti, ngħidu aħna għall-kors universitarju fil-qari tal-provi organizzat mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università u l-Kunsill tal-Malti.

Meta jkolli diffikultà fil-Malti nitlob l-għajnuna esperta tal-Kunsill, u mit-tweġibiet tagħhom dejjem inkompli nitgħallem nikteb b'Malti tajjeb. Nemmen li bħala uffiċjali pubbliċi għandna nibqgħu aġġornati fil-kitba tal-Malti. Il-Kunsill tal-Malti hu ta' servizz utli għalina.

**MARIE-JEANNE BORG**
DIPARTIMENT GĦALL-GVERN LOKALI







Qed naħdmu biex il-Malti jkun aktar viżibbli madwarna.

# KUNTATT DIRETT MAL-POPLU



Niltaqgħu mal-pubbliku u nisimgħuh permezz ta' seminars, taħditiet u korsijiet.



Ġbidna l-attenzjoni fejn osservajna nuqqasijiet fil-Malti mitkellem jew miktub, waqt li faħħarna u ħeġġiġna kull fejn rajna inizjattivi tajbin favur ilsienna.

Konna strumentali biex is-sit tal-linja nazzjonali tal-ajru jkun bil-Malti wkoll.




Bejn Jannar 2014 u Novembru 2015 għamilna mhux inqas minn 60 laqgħa ma' entitajiet pubbliċi u privati fuq l-użu tal-Malti. Matulhom il-President u d-Direttur tal-Kunsill jippromwovu l-idea tal-bilingwiżmu u l-użu korrett tal-Malti, b'ortografija tajba u bl-ittri (tipi) Maltin.






Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti appoġġjana biex nilħqu l-mira tagħna li t-taqsimiet ewlenin tas-sit elettroniku l-ġdid tal-Kummissjoni Elettorali jkunu, qabelxejn, bil-Malti. Il-Kunsill kien pront fl-assistenza tiegħu u kkopera ħafna magħna biex it-traduzzjoni bil-Malti ta' ċertu lingwaġġ tekniku tkun faċli u tinftiehem mill-pubbliku.

Bis-saħħa ta' dan il-proġett u tal-għajnuna f'waqtha li sibt, qed inħares lejn il-futur b'kunfidenza kbira għal meta niġi biex namministra jew nibdel siti oħrajn għax il-proċess tat-traduzzjoni għall-Malti ta' sit elettroniku m'għadnix inqisu bħala xi ħaġa kkumplikata. Anzi, din għandha tkun ħaġa naturali għas-siti tal-internet kollha tas-Servizz Pubbliku.

**IAN MELI**
UFFIĊJAL GĦALL-IMMANIĠĠJAR TAS-SISTEMI TAL-INFORMAZZJONI
IL-KUMMISSJONI ELETTORALI

Meta ħassejna li hu relevanti għall-użu tal-lingwa nazzjonali, ipparteċipajna fil-konsultazzjonijiet imnedija mill-ministeri u d-dipartimenti tal-gvern. B'kollox, sa Novembru 2015, ħadna sehem f'25 konsultazzjoni pubblika.

Inwieġbu l-korrispondenza elettronika u l-għadd ġmielu ta' mistoqsijiet li jaslulna mill-pubbliku ... xhieda tal-interess kbir li hawn fi lsienna.

Qegħdin noffru korsijiet speċjalizzati fil-kitba tal-Malti lill-impjegati tas-Servizz Pubbliku, kemm bi sħab maċ-Ċentru għall-Iżvilupp, ir-Riċerka u t-Taħriġ (CDRT) kif ukoll bħala Kunsill.

**Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali**

Matul it-tliet korsijiet li organizzajna s'issa bi sħab mal-Kunsill tal-Malti, l-impjegati tagħna ngħataw preżentazzjonijiet tajbin ħafna, li jżommuk attent il-ħin kollu, fuq il-proċess tal-kitba b'Malti konċiż, effettiv u kreattiv. Dawn il-lezzjonijiet prattiċi fil-ħiliet tal-kitba professjonali huma ta' għajnuna kbira f'xogħolna. Prosit!

**RODIANNE BONETT**
UFFIĊJAL EŻEKUTTIV TAT-TAĦRIĠ
ID-DIPARTIMENT TAT-TAĦRIĠ
IL-FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI TA' ĦARSIEN SOĊJALI (FSWS)

F'xogħolna nikkollaboraw mal-għaqdiet volontarji tal-Malti u ma' entitajiet oħra fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet pubbliċi u fil-produzzjoni ta' pubblikazzjonijiet ta' interess nazzjonali. Fosthom insibu l-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus, bi sħab mal-Għaqda tal-Malti - Università, il-Qarċilla fil-Karnival, u l-pubblikazzjoni tad-Damma ta' de Soldanis ma' diversi entitajiet pubbliċi.

Id-Dipartiment tal-Parks jagħmel ħafna xogħol fi proġetti ambjentali relatati mal-ġonna, il-parks u l-afforestazzjoni. Għalhekk, iwaħħal diversi tabelli b'informazzjoni għall-attenzjoni tal-pubbliku.

F'dan il-kuntest insibu għajnuna kbira mill-Kunsill tal-Malti sabiex dawn it-tabelli minbarra li jsiru bil-lingwa Ingliża jinqalbu għal Malti korrett, kif jixraq. Dan is-servizz dejjem jingħata fi żmien qasir u b'mod effiċjenti

**MARTHESE SALIBA**
UFFIĊJAL TEKNIKU
ID-DIPARTIMENT GĦALL-IŻVILUPP RURALI – PARKS U INIZJATTIVI
IL-MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U-TIBDIL FIL-KLIMA









Inwasslu wkoll il-fehmiet tagħna lill-pubbliku
bis-saħħa ta' artikli f'ġurnali u rivisti, programmi fuq ir-radju u t-televiżjoni.

Barra minn hekk, tajna dehra ġdida u qed inżommu aġġornati s-sit elettroniku u l-paġna tagħna tal-Facebook, ħidma li ssir mis-Sur Saviour Sam Agius flimkien mad-Direttur tal-Kunsill.

# FTAĦNA L-BIBIEN TAD-DINJA DIĠITALI GĦALL-MALTI

Il-Kunsill għadu għaddej b'ħidma kontinwa biex il-poplu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu, ċekkjatur *(spell checker)* tal-Malti. B'xorti tajba nħadem wieħed minn persuna kkwalifikata u qed nirsistu biex il-gvern jixtri l-proġett f'isem il-poplu.







Ħajr lis-Sur Saviour Sam Agius, is-Sur Christian Bonnici, is-Sur Norman C. Borg, is-Sur Ramon Casha, il-Prof. Ray Fabri, is-Sur Carl Joseph Farrugia, is-Sur Eric Flask, is-Sur Keith Galdies, is-Sur Thomas Pace, is-Sur Mike Rosner u Dr Olvin Vella.

Ippubblikajna għadd ta' edizzjonijiet ta' manwal li jiggwida lil kull min jixtieq jikteb il-Malti bil-kompjuter.




Tajna sehemna biex ġew żviluppati żewġ *apps* li jistgħu jintużaw b'xejn fuq is-sistemi Android u iOS għall-kitba standard tal-Malti.




Għamilna kuntatt mal-kumpanija Microsoft biex, fost l-oħrajn, tikkoreġi t-taqsiriet tal-jiem tal-ġimgħa fis-sistema kalendarja tagħha, li oriġinarjament kienu żbaljati.

Qed nappoġġjaw ukoll is-Server għar-Riżorsi Lingwistiċi tal-Malti (MLRS), inizjattiva tal-Istitut tal-Lingwistika fl-Università li hi meħtieġa ħafna għall-iżvilupp diġitali tal-Malti. Ħajr speċjali lil Dr Albert Gatt.

# L-ILSIEN MALTI FUQ FOMM IŻ-ŻGĦAR




B'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu, f'Awwissu 2013 waqqafna l-istazzjon tal-YouTube *ilsien pajjiżi* b'filmati għat-tfal.

Dan jinkludi:










Il-kanzunetta *L-Alfabett*

Żewġ kanzunetti animati għal żmien il-Milied: *Frans tal-Posta* u *Milied Qaddis*







Il-kanzunetti *Ferħ u Awguri (Happy Birthday)* u *Qalbhom Tajba (Jolly Good Fellow)*




Dawn iż-żewġ kanzunetti ġew irrekordjati fuq diska kompatta u tqassmu fl-iskejjel primarji kollha flimkien ma' *poster* li nħadem apposta.

Id-direzzjoni tal-proġetti għall-ħolqien ta' dawn ir-riżorsi edukattivi kienet tas-Sur David Agius Muscat, l-Uffiċjal Edukattiv għat-Tagħlim tal-Malti fil-Primarja, u s-Sur Thomas Pace. Ħajr lis-Sa Mariella Cassar, il-Prof. Manwel Mifsud, is-Sur Trevor Zahra, is-Sa Maryanne Zammit.

F'Awwissu 2009, is-Sur David Agius Muscat u s-Sur Thomas Pace fetħu l-bank elettroniku tar-riżorsi tal-Malti għall-għalliema u l-ġenituri - **malti.skola.edu.mt**






Inkitbu sitt kanzunetti oriġinali għat-tfal żgħar, bl-għajnuna ta' awturi u kompożituri lokali, li ġew ukoll animati.



Tajna sehemna fl-użu tal-Malti fi tliet *cartoons* bil-Malti għat-tfal tal-Primarja.




B'kollaborazzjoni ma' żviluppatur barrani ħloqna l-*app Kliem għaż-Żgħar* li tista' titniżżel mis-suq tal-*apps* għas-sistema Android. Qed inħejju aktar *apps* kemm għall-Android kif ukoll għal sistemi oħra, bħall-iOS.




B'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu u l-Fondazzjoni HSBC ħloqna l-ewwel kalendarju tad-drapp bil-Malti. Dan inħadem l-Ingilterra u tqassam f'numru ta' klassijiet fl-iskejjel primarji tal-istat.






Il-ħwejjeġ li nilbsu



Għandi ħuta

Bi sħab mal-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti għall-Primarja u tas-Snin Bikrin, fid-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu, tellajna verżjoni elettronika tal-ktieb *Hekk Aħjar* imfassal mis-Sur David Agius Muscat. Dan hu ġabra ta' kliem u espressjonijiet għall-għalliema u għall-ġenituri li jkunu qed jgħallmu l-Malti lit-tfal żgħar.

# ID-DINJA DARNA ... U L-MALTI LSIENNA

Tajna sehemna biex id-Dipartiment tal-Ġeografija ħareġ sensiela ta' tliet kotba bil-Malti *Id-Dinja Darna*. Din hi maħsuba għat-Tielet, ir-Raba' u l-Ħames Sena tas-Sekondarja.

Bnejna vokabolarju tal-ġeografija, b'konsultazzjoni sħiħa mal-għalliema tas-suġġett u ma' nies ikkwalifikati fl-oqsma relatati. Ħafna kliem ħadnieh minn fomm il-bdiewa u l-bennejja. Kliem ieħor li kien qed imut tajnieh il-ħajja u ħloqna xi termini ġodda fejn ma kellniex.



Is-sensiela ta' tliet kotba 'Id-Dinja Darna' ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-għalliema u l-istudenti tal-ġeografija li kienu ilhom jixtiequ dan is-suġġett bil-Malti. Dan kien possibbli bl-għajnuna sħiħa tal-Kunsill tal-Malti waqt li kont qed nikteb it-test. Qattajna sigħat sħaħ niddiskutuh biex ikun mexxej, ħafif u adattat għall-istudenti tas-Sekondarja. Bis-saħħa tal-gwida esperta tal-Kunsill bnejna wkoll glossarju ta' termini ġeografiċi bil-Malti li hu mitqlu deheb għall-għalliema.

Il-Kunsill mhux biss appoġġja l-proġett finanzjarjament, imma kien ta' inkoraġġiment kbir għalija biex din il-ħolma tad-Dipartiment tal-Ġeografija nwettaqha.

**EDWARD GILSON**
UFFIĊJAL EDUKATTIV TAL-ĠEOGRAFIJA
ID-DIPARTIMENT TAT-TMEXXIJA TAL-KURRIKULU









Ir-ritratti ta' dawn il-kotba huma meħudin lokalment biex l-istudenti jkunu aktar sensittivi għall-ambjent ta' madwarhom.

# QATT MHU TARD







IL-MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
ID-DIPARTIMENT TAT-TMEXXIJA TAL-KURRIKULU

Huwa ta' sodisfazzjon għalija li nara d-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu jaħdem id f'id mal-Kunsill tal-Malti. Ilna dawn l-aħħar seba' snin norganizzaw korsijiet ta' aġġornament fil-Malti maħsubin, fost l-oħrajn, għall-għalliema tal-Primarja, is-Sekondarja u l-ġenituri.

Flimkien bnejna wkoll is-sit elettroniku għall-għalliema tal-Malti u l-istazzjon tal-Malti fil-YouTube. Wieħed mill-aktar xogħlijiet għal qalb id-Dipartiment hu l-proġett tal-kanzunetti ġodda li jwasslu l-Malti lit-tfal żgħar, b'animazzjonijiet sbieħ – riżorsi tant mixtieqa mill-ġenituri u mill-għalliema tas-snin bikrin.

Proġett ieħor importanti ħafna hu x-xogħol li qed nagħmlu flimkien biex l-istudenti tas-Sekondarja jkollhom kotba bil-Malti tal-ġeografija.

**GAETANO BUGEJA**
DIRETTUR TAD-DIPARTIMENT TAT-TMEXXIJA TAL-KURRIKULU
IL-MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI



Bi sħab mad-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu norganizzaw numru ġmielu ta' korsijiet għall-għalliema, kif ukoll għall-ġenituri u n-nanniet biex ikunu jistgħu jassistu lil uliedhom u lin-neputijiet tagħhom fix-xogħol tal-Malti.




Dawn il-korsijiet isiru kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex u l-attendenza għalihom dejjem tkun numeruża.

Ħajr speċjali lill-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti, is-Sur David Agius Muscat, is-Sa Doreen Coleiro, is-Sur George Mifsud u s-Sur David Muscat.



# TAGĦLIM BIL-PROVI

Flimkien mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università, ftaħna l-Kors fil-Qari tal-Provi bil-Malti. Dan huwa kors ta' sena li jwassal għal ċertifikat universitarju.

Minnu diġà kkwalifikaw 'il fuq minn 300 qarrej tal-provi. Dis-sena għaddejjin bl-għaxar kors f'Malta u bit-tieni wieħed f'Għawdex, li b'kollox qed jattenduhom 60 ruħ.



Il-kors universitarju fil-qari tal-provi nirrakkomandah lil dawk kollha li jħobbu l-lingwa tagħna u jixtiequ jtejbu l-għarfien tagħhom fiha - mhux biss fl-ortografija!

Dan huwa kors li għandu ruħ, għax min jgħallmu mhux biss għandu ħila kbira fis-suġġett u kif iwasslu lil ħaddieħor iżda jgħallem bil-qalb u, tabilħaqq, anke l-istudenti jiltaqgħu fl-imħabba komuni għal-lingwa u d-dedikazzjoni tagħhom għal għarfien aktar profond tagħha.

Qabel ma dħalt għalih, kont naf li mhuwiex kors faċli, ta' min wieħed jieħdu b'serjetà kbira, imma maż-żmien intbaħt li meta tkun qed tieħu gost, dak il-gost iservi bħala doża ta' zokkor li jniżżel il-mediċina aħjar. Mediċina li tfejjaq u ssaffi d-difetti fil-kitba tal-Malti li tant nibdew integħmuha tajba li nkunu nixtiequ ndewquha lil kulħadd.

**DR CORAZÓN MIZZI**
AVUKATA U KANTAWTRIĊI
TEMMET B'SUĊĊESS IL-KORS FIL-QARI TAL-PROVI BIL-MALTI



168 SIEGĦA TA' TAGĦLIM DIRETT

## Il-Programm ta' Studju

**It-Taqsimiet-Studju tal-Ewwel Semestru (Frar 2015 – Ġunju 2015)**

| | | |
|---|---|---|
| MAL1030 | Ir-Regoli tal-Kitba Maltija fil-Prattika 1 | (4 kreditti) |
| MAL1032 | Elementi tal-Fonoloġija tal-Malti | (4 kreditti) |
| MAL1040 | Elementi tal-Morfoloġija tal-Malti | (4 kreditti) |

**It-Taqsimiet-Studju tat-Tieni Semestru (Ottubru 2015 - Jannar 2016)**

| | | |
|---|---|---|
| MAL1031 | Ir-Regoli tal-Kitba Maltija fil-Prattika 2 | (6 kreditti) |
| MAL1046 | Elementi Sintattiċi u l-Punteġġjatura | (2 kreditti) |
| MAL1047 | Aspetti Tekniċi fil-Preżentazzjoni tal-Kteb | (2 kreditti) |
| MAL1048 | L-Għodod Elettroniċi għall-Qari tal-Provi | (2 kreditti) |
| MAL1049 | Proġett Prattiku fil-Qari tal-Provi | (6 kreditti) |

Il-kors jibda fit-2 ta' Frar 2015 f'Malta u fis-6 ta' Frar 2015 f'Għawdex.*
Dan huwa kors ta' sena, part-time, bl-eżamijiet fi tmiem kull semestru.

Għal tagħrif ieħor fuq il-kors u biex tapplika, ara paġna 7 u s-sit:
www.um.edu.mt/arts/malti/avvizi/cqp

3



## Iċ-Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti

### – offrut mill-ġdid f'Għawdex

4



L-istudenti jiġu mis-settur pubbliku u privat, ilkoll minn oqsma differenti tal-ħajja, u dan il-fatt jagħmel il-kors dejjem aktar interessanti.

Id-direzzjoni ta' dan il-kors universitarju hi tal-Prof. Manwel Mifsud, b'koordinazzjoni tas-Sur Thomas Pace.

**Darrin Stevens**
Uffiċjal tal-MEPA fil-qasam ambjentali



"Permezz tal-kors tgħallimt aspetti differenti ta' lsienna li wassluni biex nifhem aħjar is-sisien tal-Malti u l-loġika tat-tnissil u l-kitba tiegħu. Dan kollu għenni nikteb Malti aħjar. Il-kors interessanti ħafna u msejjes tajjeb, b'għalliema professjonali li jafu jwasslu l-imħabba tagħhom lejn is-suġġett, u li jgħinuk u jiggwidawk tul il-kors kollu. Nirrikmandah lil kull min iħobb il-lingwa, jikteb jew jaħdem bil-Malti, jew sempliċiment lil min jinteressah is-suġġett."

**Roberta Galea**
Inġiniera mal-STMicroelectronics



"Minkejja li fil-professjoni tiegħi jintuża iktar l-Ingliż, dħalt għal dan il-kors għax inħobb il-lingwa Maltija u xtaqt nissoda fiha. U ma tqarraqtx, għax barra milli neħħejt xi dubji li kelli fejn tidħol l-ortografija, tgħallimt fuq oqsma oħra tal-lingwa, taħt għalliema ferm dedikati.
Afli kerha din li tant spiss tara l-Malti miktub ħażin! Inħeġġeġ lil kull min iħobb il-lingwa Maltija biex jattendi għal dan il-kors, għax ma jiddispjaċihx żgur."

**Norman Chetcuti**
Wealth Sales Manager mal-Bank HSBC



"Dħalt għal dan il-kors bil-għan li nsaħħaħ sew il-kitba tiegħi bil-Malti. Bħal ħafna minna, id-diffikultajiet ortografiċi kont kaxkarthom miegħi mill-bank tal-iskola.
Bis-saħħa ta' dan il-kors mhux biss qed nikteb Malti aħjar, iżda ftaħt għajnejja għas-sbuħija tal-ilsien affaxxinanti li tawna missirijietna u għal aspetti tiegħu li qatt ma kont nimmaġinahom.
Dan il-kors nirrikmandah lil kull min jixtieq jissaħħaħ fil-lingwa Maltija, u l-iktar lil dawk li jużawh f'xogħolhom ta' sikwit."

**Dun Eddie Zammit**
Segretarju ta' Mons. Isqof Mario Grech
Rettur taċ-Ċentru Pastorali 'Ragħaj it-Tajjeb'
ir-Rabat, Għawdex



"Ili minn tfuliti midħla tal-Malti u kont nikteb bih f'iktar minn rivista waħda. Imma xorta ma kontx kunfidenti biżżejjed biex nagħżel bejn forom tajbin u ħżiena. Dan il-kors lili u lil sħabi tana mhux biss l-opportunità li nagħrfu l-pedamenti ta' lsienna imma wkoll l-għodod biex inkomplu nibnuh u nsaħħuh skont is-sengħa tal-lingwa. Flimkien ma' sħabi nħossni grat li dan il-kors issa qed jiġi offrut lilna l-Għawdxin f'Għawdex stess."



# LINGWA ĦAJJA TIKBER U TINBIDEL




Meta tixtri dizzjunarju, ħafna drabi tistenna li jsolvilek il-problemi ta' kif se tikteb. Mela ma jiswiex li ssib fih modi differenti ta' kif tikteb l-istess kelma. It-tradutturi, il-qarrejja tal-provi u l-għalliema, fost l-oħrajn, talbuna niddeċiedu kif se niktbu ċertu kliem li, kapriċċożament, kien jinkiteb f'aktar minn forma waħda.



Għamilna għadd ta' seminars u laqgħat ta' konsultazzjoni. Waqqafna kumitat apposta biex jistudja dawn il-varjanti ortografiċi fil-lingwa u wara 31 laqgħa, il-kumitat issottometta l-proposti tiegħu.



Għalina li naħdmu fil-ġurnaliżmu bil-Malti, id-Deċiżjonijiet 1 tawna nifs ġdid u solvewlna d-diffikultajiet li konna niltaqgħu magħhom kuljum. Aħna nippubblikaw żewġ gazzetti. X'se jagħmlu l-ġurnalisti jekk l-editur ta' gazzetta minnhom iħoss li 'karozza' għandna niktbuha b'r waħda, waqt li l-editur tal-gazzetta l-oħra jsostni li għandna niktbu 'karrozza' bir-r doppja? U jekk qarrej tal-provi jġib argument validu favur 'filgħodu' u qarrej ieħor ikollu wkoll argument b'saħħtu favur 'fil-għodu'? Ma kinitx sitwazzjoni faċli.

Id-Deċiżjonijiet solvewlna dawn il-kwistjonijiet u llum sodisfatti bil-konsistenza li għandna mhux biss fl-istess gazzetta imma fiż-żewġ gazzetti tagħna. Ma qgħadniex nistennew sa Lulju 2011 biex napplikawhom, imma ltqajna u ddeċidejna li nibdew insegwuhom malli ġew ippubblikati, fl-2008. Nistgħu forsi ma naqblux f'kollox, imma dawn huma r-regoli uffiċjali u xi ħadd kompetenti - il-Kunsill tal-Malti - iddeċieda, u issa għandna biss inħarsu 'l quddiem ħalli nkomplu neliminaw aktar varjanti.

**JOE CASSAR**
DEPUTAT EDITUR
IL-MUMENT



# DEĊIŻJONIJIET 1

tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
dwar il-Varjanti Ortografiċi

## Daħla

Dawn id-deċiżjonijiet saru uffiċjali fil-25 ta' Lulju 2008 bil-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta tal-Gvern, u kulħadd għandu jimxi li jidra l-forom magħżula mill-aktar fis. Madankollu, il-forom li ħawnhekk huma mwarrba jibqgħu validi sal-25 ta' Lulju 2011. Wara din id-data, jitqiesu bħala żbalji il-forom magħżula f'dan id-dokument biss.



Dan wassal biex ħareġ id-*Deċiżjonijiet 1,* dokument li fih hemm spjegat kif għandu jinkiteb dak il-kliem li fil-kitba kellu aktar minn forma waħda.

# INKOMPLU NITKELLMU MAL-PUBBLIKU

Bi sħab ma' diversi entitajiet għamilna għadd ta' seminars oħra dwar il-Malti fil-qasam tal-informatika, il-bilingwiżmu fl-edukazzjoni u l-kitba tal-kliem missellef mill-Ingliż fil-Malti.












Ħriġna wkoll pubblikazzjonijiet bil-fehmiet tal-pubbliku fuq it-temi diskussi.













Ħajr speċjali lil Dr Olvin Vella tal-koordinazzjoni u l-għajnuna kontinwa. Ħajr ukoll lis-Sur David Agius Muscat, il-Prof. Albert Borg, il-Prof. Ray Fabri, Dr George Farrugia, il-Prof. Manwel Mifsud, u s-Sur Thomas Pace.

# L-EWRO TAGĦNA



Ir-Rapport
tal-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti
dwar l-Ismijiet tal-Munita Ewropea

EWRO

**Premessa metodoloġika**

Kull meta tintgħażel kelma ġdida jew tiġi aċċettata kelma minn ilsien ieħor, il-proċess jinvolvi żewġ stadji, li huma:

1) **l-għażla tal-kelma:** jiġifieri li jiġi diskuss u deċiż liema kelma (mitkellma) hija l-aħjar u għandha tintgħażel, u jiġu stabbiliti l-forom kollha possibbli tagħha (ngħidu aħna, il-femminil, il-plural, ecc. skond il-każ); u

2) **l-għażla tal-kitba (jew ortografija):** jiġifieri jintgħażel il-mod kif il-kelma magħżula f'(1) għandha tinkiteb sew, skond ir-regoli uffiċjali tal-lingwa partikolari.

Bil-Liġi tal-Malti (*Att dwar l-Ilsien Malti*, Kap. 470; ara Art. 2, taħt "ortografija") mgħoddija unanimament mill-Parlament Malti fl-2004, ir-regoli uffiċjali tal-kitba Maltija huma dawk li jinsabu fil-ktieb *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija II*, 2004, Malta: Akkademja tal-Malti. Skond l-istess Liġi, il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti huwa l-unika awtorità lingwistika li għandha l-jedd tinterpreta u tibdel dawn ir-regoli ortografiċi (ara Art. 5 (2)).

Huwa importanti li dawn iż-żewġ stadji:
a) isiru t-tnejn,
b) jinżammu separati, u
c) isiru wara xulxin skond l-ordni korretta (kif mogħtija hawn fuq).

**Id-diskussjoni u l-għażla**

Fid-dawl tal-prinċipji mfissra hawnhekk u wara diskussjoni u konsultazzjoni, il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti qiegħed jagħmel dawn l-għażliet, li se jitfissru hawn taħt flimkien ma' l-argumenti li wasslu għalihom.

Il-Kunsill Nazzjonali ta' l-Ilsien Malti għandu jagħmel kull aġġornament li jkun meħtieġ fl-ortografija ta' l-ilsien Malti, u minn żmien għal ieħor, skond il-ħtieġa, jistabbilixxi l-mod kif għandu jinkiteb il-kliem ġdid fil-Malti u l-kitba korretta ta' kliem u frażijiet li jidħlu fil-Malti minn ilsna oħra

*Att dwar l-Ilsien Malti, Art. 5 (2)*

1

Wara li rajna sewwa x'jagħmlu pajjiżi oħra, fl-2005 iddeċidejna li l-isem tal-munita l-ġdida għandu jkun *ewro*; anki fil-plural *eż. ħamsin ewro, mitt ewro...* deċiżjoni li ntlaqgħet tajjeb u qabdet mill-ewwel.

Fil-pajjiżi kollha tal-UE, l-isem tal-munita hu meħud mill-ewwel żewġ sillabi tal-isem *Ewropa*, skont il-lingwa tagħhom.



# KUNTATT MAL-ISTITUZZJONIJIET EWROPEJ

Il-Kunsill f'xogħlu jżomm kuntatt mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, l-aktar fil-qasam tat-terminoloġija, u se jibqa' jaħdem biex issaħħaħ il-kuntatt tiegħu magħhom.






Lill-Kunsill tal-Malti, id-Dipartiment tagħna jitolbu l-għajnuna f'diversi proġetti importanti. Jinġabru għadd ġmielu ta' mistoqsijiet u jiġu indirizzati lil min jitla' l-Lussemburgu min-naħa tagħhom biex jagħtina xi taħriġ ħalli noħorġu bi traduzzjonijiet iktar ċari.

Bejn seminar u ieħor inżommu komunikazzjoni kontinwa mal-Kunsill. Il-korrispondenza li waslitilna mingħandhom, ngħidu aħna, issarrfet fil-pubblikazzjoni ta' Il-Linji Gwida Interni.

Jgħinuna wkoll f'kull ħarġa tal-pubblikazzjoni tagħna l-aċċent. Mid-dipartimenti tal-ilsna uffiċjali tal-UE, 24 b'kollox, hemm erba' lingwi li jaħdmu fuq rivista dwar ilsienhom, u d-Dipartiment tal-Malti hu wieħed minnhom.


LOUISE VELLA
TRADUTTRIĊI
IL-KUMMISSJONI EWROPEA


## l-aċċent



l-aċċent

Novembru 2014

jostor l-aġent, jiġifieri lill-'Kap' fil-każ tal-eżempju *Id-deċiżjoni ġiet meħuda mill-Kap*, ikun tajjeb li nevitaw l-għamla bil-'minn' li qed insemmi u minflokha nesperimentaw bil-forma tal-hekk imsejjaħ psewdo-passiv, eż.: *Id-Deċiżjoni ħadha l-Kap* jew *Il-Kap ħadha d-Deċiżjoni* għax din hi tassew naturali għal ilsienna, jew inkella nirrikorru mill-ewwel għall-forma attiva *Il-Kap ħa d-Deċiżjoni*.

Il-preferenza lill-verb tgħodd ukoll meta niġu bejn ħaltejn nagħżlu verb jew nom verbali. Lil hinn mill-ideat ta' formalità, anke f'dal-każ, il-verb idoqq aktar ħelu u allura minflok *L-iżgurar ta' soċjetà ġusta* fit-titlu tad-dokument, kieku jien nikteb *Niżguraw soċjetà ġusta* għax il-verb fl-ewwel persuna plural jgħodd ferm għal kuntesti bħal dawn. F'xi kuntest mistgħu nħaddmu wkoll l-istruttura bil-parteċippju li semmejt qabel, eż: *U din il-miżura tgħin biex dan/nġġi żgurata soċjetà ġusta.*

Fl-aħħar nett, jidher li fil-Malti l-katina tal-verbi, eż. *jerġa' jibda jgħodd*, issibha bi tqila biex tinfeaq. Fil-letteratura teknika jissemmew għadd ta' eċċezzjonijiet li jippermettu filsa bejn xi żewġ verbi fil-katina verbali; iżda fil-biċċa l-kbira nett, il-Malti jgħaddi mingħajr filsa bejn il-verbi u minflok jixħithom xi mkien ieħor fis-sentenza, aktarx qabel jew wara l-katina. Għaldaqstant, minflok *U allura jkollna xi drabi nergħu nibdew mill-bidu* aħjar niktbu *U allura xi drabi jkollna nergħu nibdew mill-bidu*, jew minflok *It-tifel beda diġà jpejjep* aħjar niktbu *It-tifel diġà beda jpejjep* jew forsi *It-tifel beda jpejjep diġà*. Minflok *Il-Kunsill reġa' għalhekk beda l-proċess mill-bidu*, nissuġġerixxi li nużaw *Għalhekk il-Kunsill reġa' beda l-proċess mill-bidu.*

Din id-diskussjoni sintattika ma ssiba temma. U dan l-artiklu, minkejja li mtappan sew bi preferenzi personali, iħaddan ċertu ideat li f'kitbietna jħeġġu Malti aktar mexxej.

*Mark Amaira huwa tradutur mal-Kummissjoni Ewropea*

10

Servizz tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti

### Mistoqsija u tweġiba

Prof. Manwel Mifsud

**Mistoqsija:** Liema hi t-tajba: 'htiġiet' jew 'htiġijiet'?

**Tweġiba:** Fil-Malti, fost is-suffissi tal-plural sħiħ insibu kemm *-iet* u kemm *-ijiet*.

Hemm it-tendenza ġenerali li l-kliem li fis-singular jispiċċa bil-'a' jieħu *-iet*, eż. *grajja/grajjiet*, u l-kliem li jispiċċa b'konsonanti jew b'vokali oħra (barra '-a') jieħu *-ijiet*, eż. *missier/missirijiet*, *territorju/territorjijiet*, *sors/sorsijiet*. Skont din it-tendenza, wieħed għandu jistenna li l-plural ikun 'htiġiet', u fil-fatt issib min jissuġġerixxi li tuża 'htiġiet' biss.

Imma fil-lingwa hemm iktar minn dinamika waħda, kif fit-temp hemm iktar minn riħ wieħed... u ġieli riħ ikun kontra ieħor u jegħlbu jew jitħallat miegħu. Fil-fatt, fil-Malti hemm ukoll tendenza kurjuża li ċertu żmik qisra jsibu mezz biex jitwalu ftit ħalli jlaħħqu ma' sħabhom u jinħassu iktar regolari. Jista' jkun li kienet din ir-raġuni għaliex ħafna Maltin il-kelma 'htiġiet' donnhom ħassewha xi ħaġa meqsa u żidulha s-suffiss *-ijiet*: 'htiġijiet', plural li llum sar bil-wisq iktar popolari.

Ma hemm xejn ħażin f'dan – min juża 'htiġiet' u min juża 'htiġijiet'. Fil-fatt, it-tnejn meqjusin tajbin.

Din l-ispjega, flimkien ma' oħrajn, issibha fil-paġna tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti: http://www.kunsilltalmalti.gov.mt (it-taqsima 'Il-Kelma Maltija')



Il-Kunsill huwa membru tal-Federazzjoni Ewropea tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tal-Lingwa (EFNIL). Bis-saħħa ta' din is-sħubija nżommu kuntatt ma' entitajiet ta' lingwi Ewropej oħra u naqsmu magħhom l-aħjar ideat u prattiċi għat-tifsil tal-lingwa.

Bi sħab mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università, minn żmien għal żmien, inġibu f'Malta kelliema internazzjonali għal taħditiet pubbliċi biex inkomplu nrawmu attitudni friska lejn il-lingwa u maturazzjoni fl-istudju tal-pjanifikazzjoni lingwistika.

Nagħtu l-appoġġ tagħna wkoll liċ-Ċentru tal-Ilsien Malti li nfetaħ fl-Università ta' Bremen, il-Ġermanja, bl-inizjattiva tal-Prof. Thomas Stolz.



# KESKES IL-BALLUN

Fl-okkażjoni tal-logħob tal-Ewro 2012, bi sħab mal-Għaqda Ġurnalisti Sports, ippubblikajna l-ktieb *Ballun Pinġut* ta' Keith Attard b'ġabra ta' 930 espressjoni bil-Malti dwar il-futbol.

Dan qed ikun ta' għajnuna għall-ġurnalisti u l-kummentaturi sportivi.










L-Għaqda Ġurnalisti Sports ħadmet bi sħab mal-Kunsill tal-Malti u flimkien ipproduċejna pubblikazzjoni, miġbura minn Keith Attard, b'espressjonijiet utli ħafna għalina l-ġurnalisti sportivi li nkunu qed nikkummentaw il-logħbiet.

Dan ix-xogħol sar f'konsultazzjoni sħiħa magħna u mal-membri tagħna u sodisfatti ħafna b'din ir-riżorsa - pass ieħor ta' ġid biex ikompli jitjieb l-użu tal-Malti fix-xandir.

**MARIO BONNICI**
ĠURNALIST SPORTIV
VIĊI PRESIDENT TAL-GĦAQDA ĠURNALISTI SPORTS

Ħadmu fuq din il-pubblikazzjoni s-Sur Keith Attard (l-awtur), is-Sur Mario Bonnici, il-Prof. Manwel Mifsud, is-Sur Thomas Pace u Dr Olvin Vella.

# ID F'ID MAL-PBS

F'Ġunju 2013, dħalna fi ftehim mal-PBS fuq l-użu tal-Malti miktub fuq l-istazzjon nazzjonali waqt il-programmi prodotti mill-istazzjon stess, b'mod speċjali fl-aħbarijiet, l-aktar programm segwit f'Malta.








It-tqarrib tad-diriġenti tal-PBS lejn il-Kunsill tal-Malti minn dejjem qistu bħala prijorità assoluta. Dak li beda bħala kuntatt informali, bil-mod il-mod issawwar fi ftehim strutturat. Is-sinerġija tal-lum qed tissarraf f'titjib sostanzjali fil-kwalità tal-Malti mitkellem u miktub imxandar fuq l-istazzjon nazzjonali.

**ALBERT MARSHALL**
VIĊI CHAIRMAN
PBS

Issa l-PBS għandu żewġ qarrejja tal-provi kkwalifikati li kull filgħaxija jiċċekkjaw il-kitba bil-Malti taż-żigarella tal-aħbarijiet.

Ħajr lis-Sa Theresa Zahra għall-koperazzjoni tagħha.







Ipproduċejna riżorsi li jgħinu lix-xandara f'xogħolhom.

# AKTAR ĦIDMA FIL-QASAM TAX-XANDIR

Fl-2008 twaqqaf kumitat mill-Awtorità tax-Xandir biex janalizza l-użu tal-Malti fix-Xandir u jagħti s-suġġerimenti tiegħu. Dan wassal għat-tfassil ta' Avviż Legali li, wara li saret konsultazzjoni pubblika fuqu, dalwaqt jidħol fis-seħħ.

Tajna pariri dwar l-użu korrett ta' ċerti avviżi, *eż. F'dan il-programm jidhru xi prodotti kummerċjali.*

Qed nieħdu ħsieb nistandardizzaw it-terminoloġija li jużaw ix-xandara *(eż. l-ismijiet tal-lokalitajiet f'Malta, l-ismijiet tal-pajjiżi, il-grafika tat-temp, it-titli televiżivi, eċċ.).*


Rapport tal-kumitat fuq

il-Malti fix-Xandir

maħtur mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti
u l-Awtorità tax-Xandir

Dr Ray Fabri
Dr Charles Briffa
Is-Sur Charles Flores
Is-Sur Trevor Żahra
Is-Sur Jean-Pierre Caligari

Il-5 ta' Jannar 2009



F'dawn l-aħħar snin, l-Awtorità tax-Xandir ħadmet mill-qrib mal-Kunsill tal-Malti biex isir sforz ġenwin u jitjieb il-livell tal-użu tal-Malti fix-xandir. L-Awtorità dejjem emmnet li t-taħriġ fil-lingwa huwa importanti biex l-ilsien Malti jintuża kif jixraq.

Għalhekk, fost l-oħrajn, kull sena qed toffri sponsorship ta' ħames ġurnalisti u xandara mill-mezzi tax-xandir sabiex isegwu l-kors fil-qari tal-provi. Konvint li s-sinerġija ta' bejn l-Awtorità u l-Kunsill se tkompli tissaħħaħ fis-snin li ġejjin.

PIERRE CASSAR
KAP EŻEKUTTIV
L-AWTORITÀ TAX-XANDIR

Minn żmien għal żmien, flimkien mal-Awtorità tax-Xandir, nieħdu sehem f'seminars u korsijiet għax-xandara u l-ġurnalisti. Nibagħtu wkoll ċirkularijiet lill-istazzjonijiet lokali bħala gwida fl-użu tal-Malti.

Nipparteċipaw fl-għażla tar-rebbieħa tal-Premju għall-Aħjar Użu tal-Malti Stampat u għall-Aħjar Użu tal-Malti Mxandar bi sħab mal-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin.






# IL-MALTI FIL-QASAM TURISTIKU

Bi sħab mal-MHRA pproduċejna sett *stickers* bilingwi għall-istabbilimenti tal-ospitalità (bars, restoranti, kafetteriji u lukandi).






L-MHRA temmen bis-sħiħ li t-tagħlim u l-għarfien tal-lingwi huwa importanti ħafna għat-tkattir tas-settur turistiku f'pajjiżna. Temmen ukoll li l-lingwa Maltija għandha rwol importanti fil-preżentazzjoni tal-esperjenza tal-identità Maltija lit-turist li jagħżel li jżurna.

Kien għalhekk li fl-2014 bdejna nikkollaboraw mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti biex noħolqu kuxjenza akbar mal-membri tagħna fuq l-importanza tal-lingwa Maltija fis-suq turistiku. Nemmnu li din il-ħidma tista' twassalna biex inkunu nistgħu noffru prodott turistiku dejjem aħjar b'karatteristiċi tipiċi Maltin, u li ddur kemm iddur fid-dinja kollha ma ssib bħalhom imkien.

**ANDREW AGIUS MUSCAT**
KAP EŻEKUTTIV
L-ASSOĊJAZZJONI MALTIJA TAL-LUKANDI U R-RESTORANTI (MHRA)

Qed naħdmu biex il-Malti jqanqal aktar l-interess u l-kurżità tal-barranin li jżuru pajjiżna.





# A Nation's Tongue

WORDS: RAY FABRI

Maltese, known locally as 'il-Malti', together with English, is the official language of the Maltese Islands. It is spoken by the majority of Maltese in Malta and Gozo, as well as by a substantial number of people who emigrated from Malta and established communities in Australia, the UK, the US and Canada.

Maltese is also one of the official languages of the EU, which means, among other things, that EU laws and official documents have to be translated into Maltese and that Maltese citizens can write to EU institutions and obtain a written reply in Maltese.



Huwa meħtieġ li l-istudenti tal-ITS jitħarrġu fl-aħjar użu tal-Malti, speċjalment fit-terminoloġija kulinarja u tal-oqsma l-oħra li jħarreġ lill-istudenti fihom l-Istitut tagħna. Bil-ftehim li għandna mal-Kunsill tal-Malti dan se jsir realtà għax se jkollna punt ta' referenza li jgħin lill-uffiċjali u l-impjegati tal-industrija tat-turiżmu biex ikunu iżjed preċiżi meta jużaw il-Malti f'xogħolhom u fuq ix-xandir. B'hekk ukoll insaħħu l-identità tagħna.

PAULINO SCHEMBRI
CHAIRMAN
L-ISTITUT GĦALL-ISTUDJI TURISTIĊI

Qed naħdmu wkoll mal-ITS biex flimkien niżviluppaw il-vokabularju tal-Malti fl-oqsma tat-turiżmu u l-ospitalità.

Ħajr speċjali lill-Prof. Albert Borg u l-Prof. Ray Fabri.



Bnejna kuntatt ukoll mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu (MTA) biex inżidu aktar l-aspett ta' awtentiċità fl-esperjenza tat-turisti li jżuruna.

# MIXJA MAS-SNIN

## L-AKTAR PROĠETTI U KISBIET EWLENIN TAL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ILSIEN MALTI

### 2005

**Apr** Jitwaqqaf il-Kunsill

**Apr** Tliet taħditiet pubbliċi, bi sħab mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, mill-Prof. Miquel Strubell fuq l-ippjanar u l-politika lingwistika

**Nov** Deċiżjoni fuq l-isem Malti tal-munita ewro

**Diċ** Il-Festival Internazzjonali tan-Novella

### 2006

**Fra** Jiftaħ il-kors universitarju fil-qari tal-provi bil-Malti (ĊQP) bi sħab mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta

**Apr** Tliet taħditiet pubbliċi, bi sħab mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, mill-Prof. Frieda Steurs fuq it-terminoloġija, it-traduzzjoni u l-istandardizzazzjoni

**Nov** Konferenza nazzjonali fuq l-iżvilupp tal-Malti fl-informatika 'Lejn Soċjetà Informatika Maltija'

### 2007

**Jan** Seminar nazzjonali ta' konsultazzjoni fuq il-varjanti ortografiċi 'Innaqqsu l-Inċertezzi 1'

**Mar** Tliet taħditiet pubbliċi, bi sħab mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, mill-Prof. Thomas Stolz fuq l-ilsien Malti meta mqabbel ma' ilsna oħra

### 2008

**Fra** Jiftaħ il-kors universitarju għat-tagħlim tal-Malti lill-Barranin (CMFL) bi sħab mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta

**Apr** Seminar nazzjonali ta' konsultazzjoni fuq il-kitba tal-kliem missellef mill-Ingliż fil-Malti 'Innaqqsu l-Inċertezzi 2'

**Mej** Tliet taħditiet pubbliċi, bi sħab mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, mill-Prof. Alexander Borg fuq l-ilsien Malti u l-ilsna semitiċi

**Lul** Ippubblikati d-'Deċiżjonijiet 1' fuq il-varjanti ortografiċi u jingħata moratorju ta' 3 snin sakemm jindraw

**Set** Il-Kunsill tal-Malti jissieħeb fil-Federazzjoni Ewropea tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tal-Lingwa (EFNIL) għal skambji lingwistiċi ma' esperti u entitajiet oħra Ewropej

**Nov** Jittella' l-ewwel Forum Nazzjonali dwar l-Ilsien Malti, għall-pubbliku, bi sħab mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport. Għalih ġie mistieden il-Kummissarju tal-UE għall-Multilingwiżmu, Leonard Orban

### 2009

**Mar** Jiġi emendat l-istandard nazzjonali tal-Malti għall-industrija bi sħab mal-Awtorità Maltija għall-Istandards 'Maltese Data and Information Requirements on Information and Communication Technology'

**Aww** Jitnieda s-sit għar-riżorsi tat-tagħlim tal-Malti għall-għalliema u l-ġenituri, malti.skola.edu.mt, bi sħab mal-Uffiċjal Edukattiv tal-Malti għall-Primarja

**Diċ** Seminar nazzjonali fuq il-bilingwiżmu fl-edukazzjoni 'Il-bilingwiżmu f'pajjiżna. X'inhu l-aħjar għal uliedna?'

## 2010

**Mar** Jidħol fis-seħħ il-Kodiċi dwar l-Użu Tajjeb tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir bi sħab mal-Awtorità tax-Xandir

**Ġun** Titnieda kampanja edukattiva biex jiżdied l-għarfien tal-pubbliku fuq l-użu tal-Malti fil-kompjuter b'artikli fil-gazzetti u fir-rivisti u bi rkejjen ta' informazzjoni fi programmi televiżivi

**Nov** Tissaħħaħ il-koperazzjoni tal-Kunsill mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'ċirkularijiet minn żmien għal żmien li jżommuna f'kuntatt mal-kunsilliera lokali u l-impjegati tal-kunsilli lokali

## 2011

**Mar** Jiġi stabbilit il-kuntatt mal-Arriva Malta għall-użu tal-Malti fis-sistema tat-trasport pubbliku

**Mej** Jitnieda l-ktieb 'Ballun Pinġut' bi sħab mal-Għaqda Ġurnalisti Sports għall-ġurnalisti sportivi fid-dawl tal-logħob tal-Ewro 2012

**Ġun** Jiddaħħal fis-seħħ Standard għas-Siti Elettroniċi tal-Gvern, bi sħab mal-MITA, li fost affarijiet oħra jaħseb fl-użu tal-Malti f'dawn is-siti uffiċjali

**Ġun** Jiġu emendati l-ismijiet tal-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali

**Lul** Jidħlu fis-seħħ id-'Deċiżjonijiet 1'

## 2012

**Apr** Titnieda l-kanzunetta 'Ferħ u Awguri' li hija l-verżjoni Maltija tal-kanzunetta popolari 'Happy Birthday' bi sħab mal-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Lul** Jitwaħħlu l-ewwel tabelli direzzjonali tat-toroq bl-ismijiet uffiċjali sħaħ tal-lokalitajiet Maltin u bilingwi fejn ikun hemm aktar minn forma waħda tal-isem

**Diċ** Jittellgħu fil-YouTube l-ewwel kanzunetti animati għat-tagħlim tal-Malti, bi sħab mal-Iskola Primarja San Franġisk ta' Birkirkara u l-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

## 2013

**Fra** Jiftaħ l-ewwel kors universitarju fil-qari tal-provi bil-Malti (ĊQP) f'Għawdex bi sħab mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta u ċ-Ċentru tal-Università fix-Xewkija

**Ġun** Iffirmat ftehim ta' koperazzjoni mal-PBS għall-qari tal-provi tal-Malti użat fl-aħbarijiet tat-8pm u għal taħriġ fil-Malti lill-ġurnalisti u x-xandara tal-istazzjon nazzjonali

**Aww** Jinfetaħ stazzjon tal-YouTube għar-riżorsi awdjoviżivi tal-Malti, 'ilsien pajjiżi', bi sħab mal-Uffiċjal Edukattiv tal-Malti għall-Primarja

**Set** Jibda jintuża l-ewwel ktieb tal-ġeografija bil-Malti tas-sensiela 'Id-Dinja Darna' għat-tagħlim tal-ġeografija lill-istudenti tat-Tielet Sena Sekondarja fl-iskejjel tal-istat

## 2014

**Jan** Jiġi stabbilit il-kuntatt mal-Malta Public Transport għall-użu tal-Malti fis-sistema tat-trasport pubbliku mal-kumpanija l-ġdida Spanjola

**Aww** Tinfetaħ konsultazzjoni pubblika fuq l-Avviż Legali l-ġdid għal titjib fl-użu tal-Malti fix-xandir: 'Ħtiġiet u Dmirijiet dwar Standards u Prattika fl-Użu tal-Ilsien Malti fil-Mezzi tax-Xandir'

**Nov** Il-Kunsill tal-Malti jipparteċipa fil-Forum tat-Turiżmu fil-Mediterran u jistabbilixxi l-kuntatt tiegħu mal-Assoċjazzjoni Maltija tal-Lukandi u r-Restoranti (MHRA)

**Diċ** Jinfetaħ iċ-Ċentru tal-Onkoloġija 'Sir Anthony Mamo' b'tabelli bilingwi

## 2015

**Jan** Iffirmat ftehim ta' koperazzjoni mal-ITS fuq l-iżvilupp tal-Malti fil-qasam tal-ikel u l-ospitalità

**Mar** Tliet taħditiet pubbliċi, bi sħab mad-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, mill-Prof. John Simpson fuq it-tfassil ta' dizzjunarju elettroniku

**Mej** Jinfetaħ il-Parlament Malti l-ġdid b'tabelli bilingwi

**Set** Titlesta s-sensiela ta' tliet kotba tal-ġeografija 'Id-Dinja Darna', bi sħab mal-Uffiċjal Edukattiv tal-Ġeografija, għat-tagħlim tas-suġġett fit-Tielet, ir-Raba' u l-Ħames Sena tas-Sekondarja

**Nov** Jittella' Forum Nazzjonali dwar l-Ilsien Malti, għall-pubbliku, bi sħab mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol. Għalih ġie mistieden il-President tal-EFNIL, Prof. Dr Gerhard Stickel

**Il-Kunsill Nazzjonali**
**tal-Ilsien Malti**

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni
Iċ-Ċentru tal-Kurrikulu
Triq Sarria
Il-Furjana FRN 1460

kunsilltalmalti@gov.mt
**www.kunsilltalmalti.gov.mt**

/kunsilltalmalti